# IL-GħERIEN TA' ĦAL-SAFLIENI.

Fuq il-quċċata tar-Raħal il-ġdid, fil-lemin tat-triq li tâti għal Ħal-Luqa, insabu, mal-għoxrin sena ilu, ħafna għerien maqtugħin fil-blat. Is-sur Anġ Psaila, fl-1902, beda jibni d-djar ta' bejn Strada Ħal Saflieni u Strada Catacombe u f'waqt li kienu jitħaffru xi bjar, infaqa' wieħed minnhom ġewwa għar li ħadd ma kien jaf bih. Billi t-triq kienet ogħla mis-sisien tal-bini, f'dan il-għar inxeħet il-ħaġar u l-laqx kollu li l-bennejja kellhom żejjed, u mita d-djar tlestew qalu lill-Gvern b'dawn il-għerien u l-Gvern xtrahom.

Patri Manwel Magri, il-Ġiżwita, li kien l-aktar wieħed li jifhem f'dak li sar fil-qedem, ġie magħżul biex inaddaf dawn il-għerien u jgħid x'kienu u min għamilhom. Ma laħaqx naddaf kollox, Patri Magri, għax ġie mibgħut Sfaqs għall-missjoni u, fl-1907, miet hemm u miegħu ndifen għerfu u dak li sar jaf fuq il-Għerien ta' Ħal-Saflieni. Miktub fuq dawn il-għerien ma ħalla xejn. Miskin kemm inġabar kmieni Patri Magri! kemm ġid sata' jagħmel aktar milli għamel raġel bħal dak, għaref, ħaddiem, bieżel u mħeġġeġ bin-nar ta' l-imħabba lejn l-art fejn twieled u lejn dak kollu li ħallew warajhom il-ġnus li għammru fiha mill-eqdem żminijiet!

It-tabib Zammit, li kien ħa f'idejh il-ħakma tal-Mużew u tal-ġabra ta' dak kollu li sar qabel żmienna, daħal biex itemm ix-xogħol li kien beda Patri Magri u wara ftit snin il-għerien tnaddfu u ġew miftuħa biex jarawhom in-nies. U fihom x'tara tas-sew!

Mnejn tidħol il-lum ma hix id-daħla ewlenija tal-għerien, għax din ħabtet taħt waħda mid-djar ta' Strada Ħal-Saflieni. Għalhekk inxtrat daqsxejn art u fiha saret spiera u nbena taraġ għal isfel, għax l-ewwel għar li jintlaħaq jiġi mat-30 xiber taħt wiċċ it-triq.

Dawn il-għerien ġew maqtugħa fil-blat bil-għodda taż żnied daqs sitt elef sena ilu.

Id-daħla saret min-naħħa tal-Punent taħt waħda mid-djar ta' Strada Ħal-Saflieni. Barra kien hemm bini b'ħaġar kbir u d-daħla kienet minn ġewwa xriek għoli xi sitt piedi mħaffer fin-nofs. Sew fil-bini ta' Ħal-Tarxien kemm ukoll f'Ħaġar Qîm u fl-Imnajdra daħliet bħal din hemm aktar minn waħda. Minn din id-daħla l-art ġiet imħaffra ħelu ħelu f'ħafna għerien u daħliet u għorof maħduma b'reqqa u sengħa li ma bħalha. Għalxejn

wieħed jaqbad ifiehem bil-kliem kifinhuma magħmula dawn il għerien u dawn id-daħliet, għax wieħed jista' jmur jarahom u jifhem aktar u aktar jitgħaxxaq bil ħila ta' missirijietna. Biss min imur jara dax-xogħol tal għaġeb għandu jżomm quddiem għajnejh li kull ma jara hemm ġew inħadem bil-għodda taż-żnied, għax u la bronż u la ħadid ma kien għadu wasal hawn f'dawk iż-żminijiet. Ħaffer u ħaffer, onġor u obrox u ħokk bil-ħaġar samm, hekk sar ix-xogħol.

B'daqxejn ta' ħaġra taż-żnied marbuta f'tarf ta' għasluġ kienu jitħaffru toqob ta' anqas minn pulzier, toqba ħdejn l-oħra, bħal xehda tan-naħal, inbagħad b'żonqra tqila dak il-blat ta' bejn il-ħofor kien jiġi mfarrak. Mita kienu jidħlu l-ġewwa kemm iridu b'dan it-taħfir, il-blat kien jintaġar biż-żnied fuq il-ħażż li kien jagħmel l-imgħallem u fl-aħħar wiċċ il-ħajt kien jinbarax u jitmelles b'ħaġar ta' l-idejn. Ara x'xogħol jiebes u ara xi żmien ħa biex isir !

Fejn kien jidhrilhom kienu jiżbgħu bin-nogħra. Għadhom sal-lum jidhru xi ħitan maħsula bl-aħmar u fuq ħitan u fuq xi isqfa hemm maħżuża bħal sigar bil-frott u qawwariet, u saqaf minnhom maħżuż bħal xehda tan-naħal. Ara x'qima kellhom għal dan il-maqdes dawk li ħaffruh !

Hawn min isaqsi, tgħid maqdes kien ? Jien naħseb li kien maqdes fejn in-nies kienet tinġabar u tati qima lil dak li kellhom f'moħħom li kien jista' kollox u xi wħud kienu jorqdu f'dawk il-gabubi li hemm maqtugħa fil-blat, biex alla tagħhom iħallimhom u mita jistenbħu jgħidu l-ħolma lill-qassisin tal-maqdes li kienu jfissruhielhom.

Dan it-tifsir tal-ħolm ġej mill eqdem żminijiet u bosta huma l-pajjiżi li kellhom fejn in-nies tmur torqod u toħlom u tiltaqa' mal-qassisin li jfissru l-ħolm. Nafu li fi żmien Ġużeppi, il-Farawn tal-Masar tħawwad f'ħolma kbira li kellu u bagħat għalih biex ifissirhielu għax kien jaf li Ġużeppi kien fisser xi ħolm u ġara kull ma kien fisser.

Fil-għerien ta' Ħal-Saflieni hemm ukoll għorfa fejn wieħed kien imur biex isib min jobsorlu fuq xi ħaġa li kien jaqbillu jkun jaf. Għax min dejjem kien hekk, "li għadda nafuh u li ġej nobsruh." Il-bassâr kien jistaħba ġewwa rokna, f'għar li hemm mal-ġenb, li jidwi u jkabbar il-leħen, u f'dak id-dlam u f'dik is-sikta kollha il-qassis tagħhom, b'leħen li jwaħħax, kien inebbah lill-imsejken fuq dak li kien saqsa.

Naqraw fil-ktieb tas-Slaten (XXVIII. 7) li Sawl xtaq jaf x'kien sejjer joħroġ mit-taqbida li kien se'r ikollu ma' l-egħdewwa

u qal lill-qaddejja tiegħu: "Għiduli b'xi mara li għandha r-ruħ tal-Feten u mmur infittixha u nġagħalha tobsorli." U l-qaddejja tiegħu qalulu: Hemm f'Endor mara li għandha ruħ il-Feten. U Sawl mar u sabha. Mela dawn il-għerien ta' Hal-Saflieni ġew maqtugħa biex in-nies tinġabar ġo fihom, bhal kieku ġo maqdes, u hemm bit-talb u bit-tixħim kienu jfittxu jagħarfu dak li jgħodd għalihom, għax il-bniedem dejjem iħoss li jiħtieġ il-għajnuna ta' xi ħadd li jista' jieqaf miegħu aktar min-nies tad-dinja. U mill-eqdem żmien in-nies kienet temmen li xi ħadd barra mid-dinja kien jista' jgħinha, u hekk kull żmien kellu dinu.

Dal-maqdes taħt l-art ta' Hal-Saflieni biż-żmien ġie meqjum minn kullħadd u fl-aħħar sar midfen mill-aktar egħżież għax kullħadd kien jixtieq li mita jmut jiġi midfun fih. U bħala maqdes telqugħ u baqa' biss għad-dfin.

Għadam ta' ma dwar sebât elef bniedem inġabar minn ġot-trab ta' Hal-Saflieni mita tnaddaf. U mal għadam insab xaqquf mill-isbaħ, frak ta' qliel, kwies u borom, li kienu jitkissru u jindifnu mal-mejjet. U nsab żibeġ tal-bebbux li bħal ħannieqa kienu jdawru ma' għonqhom u ħaġar mieles u mitqub li kien jiddendel għall-għajn fil-ħannieqa.

Xi ġmiel ta' ħwejjeġ, x'reqqa ta' xogħol, x'għaġeb ta' fuħħar, insab f'Hal-Saflieni! Kemm għandna biex niftaħru b'dawk in-nies li ġew qbilna u li bħalhom għad ma dehru imkien! Niesna ta' ħamsa u sitt elef sena ilu kienu għaddew lil dawk kollha li għaxu ma' dwar il-Mediterran u ħaffru għerien tal-għaġeb u bnew bini li jwaħħax u ħadmu fuħħar li ma bħalu u naġru u naqqxu ħaġar li jsaħħar. Għalhekk jixraq li bil-qima kollha ngħożżu dak li baqa' ta' dawk iż-żminijiet imbiegħda biex nuru li nisilna hu tat-tajjeb u li aħna nafu x'jiswa dak li writna.

T. Z.

## KTIEB ĠDID.

**Nifirħu b'qalbna kollha lill-Prof. Temi Zammit tal-ktieb "IL-GŻEJJER TA' MALTA U L-ĠRAJJA TAGħHOM" li ħareġ dan l-aħħar. Dal-ktieb hu ta' ġieħ kbir mhux biss lil min kitbu iżda wkoll lil Malta u 'l-Isien Malti għax miktub tajjeb u sabiħ f'kollox. Darb'oħra nitkellmu fuqu iżjed fit-tul. Issa biss ingħidu li kull Malti ma għandux jonqos li ma jkollux wieħed. Jinbiegħ 1/3 minn għand G. Muscat u librari oħra.**